MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Numru. 222/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
EMANUEL ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Attard iben Anthony u Mary nee Caruana, imwieled Birkirkara fl-14 ta' Marzu 1947 u li joqghod 41/2, Barbados Flats, Triq is-Sirk, Swieqi ID 280047M talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur ta' qabel it-18 ta' Mejju 1999, bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond Ta Cassia Bar and Restaurant, fi Triq il-Fugass, Qawra, b'diversi azzjonijet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta kellu l-uzu jew il-konsum illeggitimu tal-kurrent elettriku, kkommetta serq ta' kwantita ta' elettriku liema serq huwa kkwalifikat

bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Barra minnhekk fl-istes perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe meter tal-ghamla ISKRA, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira maltin, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat illi l-imputat mghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-ufficjali tal-Enemalta kienu ordnati jaghmlu surprise inspection fil-fond kummerjcali in kwistjoni u meta mar l-electrical fitter David Camilleri sab illi l-meter tad-dawl three phase kellu is-sigill ahmar nieqes ghalkemm is-sigill tan-naha tax-xellug kien intatt. Barra hekk sab t-tlett sigilli kanella maqtugha u sigill iehor kanella nieqes.

Camilleri xehed illi l-meter kien qed jirregistra l-konsum. Sab ukoll xquq fil-gasket tal-cover kemm fuq il-lemin kif wkoll fuq ix-xellug u bcejjec tal-gasket fil-qiegh tal-cover.

Meta wasal l-proprjetarju qalilhom illi ma kien jaf xejn dwar dawn il-hsarat, biss li kien hemm bzonn ta’ bdil tal-fuse u qala sigill kanella biex jaghmel dan ghaliex kellu hafna klijenti.

Xehed l-ispettur Pisani fol 26 et seq fejn qal li kien gie infurmat mill-impjegat tal-Enemalta u kien informa lil Magistrat tal-Ghassa biex tinfetah inkjesta.

Carmelo Sghendo fol 28 et seq kkonferma ix-xhueda ta' Camilleri u zied jghid illi kienu sabu cartridge fuse bil-qasta li ma kenitx tat-tip li juzaw l-Enemalta.

Silvio Decelis esebixxa r-record of consumption u l-break down of estimates u b'rata ta' 251 li giet stabbilita bhala average, estimu illi l-imputat kellu jaghti Lm1830.28,4 fuq medda ta' sentejn u nofs.

L-imputat min-naha tieghu xhed illi huwa direttur ta' Ta Cassia Restaurant fejn jahdem bhala Chef u Manager. Attard stqarr illi kien rceva telefonata min ghand il-gardinar tieghu Theuma li gharrfu bl-ispezzjoni tal-impjegati tal-enemalta.

Xehed illi huwa mar fuq il-post u spjegalhom li jaf bil-qlugh tas-sigilli ghaliex s-Sibt ta' qabel kien inqata d-dawl b'rizultat ta' overload u kelu jbidel il-fuses uwa stess ghaliex kellu hafna nies.

Xehed illi huwa qata is-sigilli tal-service box biss.

Attard spjega illi xi hames nin qabel dan kienu gew impjegati tal-Enemalta u spustjaw il-meter.

Inoltre Attard xehed illi huwa hadem 900 days b'rata ta' 250 units kuljum fuq il-mter l-antik u imbaghad qabbilhom ma l-istess ammont ta' granet wara il-bdil tal-meter u harget diskrepanza ta' 20 units kulljum. Illi dawn l-ghoxrin unit kuljum in access gew spjegati ghaliex saru xi zidiet fl-equipment tal-kcina u ziedu xi dwal fil-parking area.

Ghaldaqstant innega bl-aktar mod vociferu l-akkuza ta' serq tal-meter.

Ikkunsidrat:-

Illi f'kawzi ta' din in-natura stabbilit illi kien hemm tbaghbis tekniku fil-meter tad-dawl huwa l-imputat li jfrid jiskolpi lilu innifsu u dan jrid jsir on a balance of probability.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita ai termini ta' Art 637 tal-kap 9 li tezamina l-agir u komportament tal-imputat fil-pedana tax-xhieda u hi tal-fehma illi lahaq dan il-livell probatorju biex jispjega dak illi gara u cioe li ammetta illi baghbas is-service box biex jbiddel il-fuses u ghal dan il-ghan qata s-sigilli.

Illi pero ghall-akkuza ta' serq ta' kurrent elettriku din il-Qorti wara li ezaminat il-kalkoli li wasal ghalihom l-imputat (ara dok EA) ma tista bl-ebda mod tasal biex tippronunzja htija fuq l-akkuza ta' serq jew konsum illecitu ta' dawl. Dan qed jinghad ghaliex ma jirrizultaw dawk id-diskrepanzi lampanti li wiehed jistenna f'dawn it-tip ta' akkuzi.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti waqt li ssib lill-imputat hati tal-hsara fl-apparat tal-Enemalta u ghalhekk hati tat-tieni akkuza, ssibu mhux hati tal-ewwel akkuza u wara li rat Art 325(e) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------